**Mita Kont Żgħajra**

minn Rosaria Bulteel

Mita kont żgħajra m'ummi kont immuwr,
bil-karuzza tal-linje saż-Żejtuwn,
ngħabbu l-landi bil-ħuwt tal-parit,
jeqbeż u jċafċaf, qishu għafrijt.

Kunna nieqfu Bir id-Deheb,
nġibu s-siġġu tar-ruti minn ġo rumiessa,
intallaw il-landi bil-ħuwt, b'xi spnutta,
u ummi tibde tgħajjat 'għall-aljutta'.

Kunna ngħaddu minn ħdejn il-knisje ta' Sant' Anġ,
u nipqaw niżlin trijq qishe ganċ,
minn ħdejn it-Tiku Tiku Bar u olivurju taż-żruben,
(ġieli xtrutli xi wieħed bit-tkuken).

It-triq viru kienet dejqe,
u allaħures tinzirte liċ-ċevett,
għaddej b'tal-linje minn hemm,
għax kien jaqbdek ferħ ta' ġenn.

Iż-Żwieten kienu jħobbuwh il-ħuwt,
u kienu jixtruwh, anki xi weħde żgħajra għall-qattuws.
F'suq tajjeb ma kunniex naslu sal-pjazza,
imma fil-ħażin kunna nispiċċaw iktar 'l isfel mill-pusta.

Mita nbiegħaw kullox kunna imurru lura lejn ix-Xatt bil-miexi,
minn triq iż-Żejtuwn għal ħdejn Santu Kristu,
mita kont niddejjeq, u ummi tura lil Spiru tal-Pitrulju,
ummi kienet tgħidlu, 'ent għax-xatt?', u nżielni kien ikullu.

Ġieli ġejne lura b'tal-linje, għax ummi tkun għajjiet,
kunna nistennew ħdejn Louis tal-pjazza,
hemm kien ikun aħjur,
għax kienet tixtrieli xi ktieb u ftit ġuġu.

Kien żmien ħielu li ma ninsieh qett,
in-nies kienu jafuna u dejjem kien jġibuwne,
mite dawn l-istejjer ngħidhom lit-tful tiejgħi